



Brussell, 14 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11578/25

**ENER 366  
CLIMA 271  
CONSUM 138  
TRANS 303  
AGRI 349  
IND 273  
ENV 697  
COMPET 735  
FORETS 51  
DELACT 101**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 9 ta' Lulju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett: REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...  
ta' 8.7.2025  
li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill billi jiġi speċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-ifrankar tal-  
emissionijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissionijiet  
tal-karbonju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4674 final.

---

Mehmuż: C(2025) 4674 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.7.2025  
C(2025) 4674 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'8.7.2025**

**li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi  
jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-ifrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet  
serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu ("id-Direttiva") tirrikjedi li l-Kummissjoni tispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-metodoloġija kontabilistika għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha tqis ċ-ċiklu tal-ħajja shiħi tal-emissjonijiet u tal-emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mid-devjazzjoni ta' inputs riġidi mill-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-emissjonijiet upstream tal-metan u r-rati effettivi tal-qbid tal-karbonju. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza meħtieġa, il-metodoloġija tapplika approċċi simili bħall-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Peress li huwa ta' natura teknika, dan l-att delegat ma kienx jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni pubblika miftuħa. Dawn normalment ikunu meħtieġa biss għal inizjattivi ewlenin.

L-att delegat huwa bbażat fuq ir-riżultati ta' diversi eżerċizzji ta' konsultazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, inkluż laqgħat tal-grupp ta' esperti fis-7 ta' Novembru 2024 u fid-19 ta' Mejju 2025 u żewġ sessjonijiet ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati.

L-abbozz tal-att ġie ppubblikat għall-feedback pubbliku fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar mis-27 ta' Settembru 2024 sat-18 ta' Ottubru 2024.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat huwa adottat skont l-Artikolu 9(5) tad-Direttiva. Dan jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta att delegat li jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

## **REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'8.7.2025**

**li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi  
jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijet  
serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tagħha,

Billi:

- (1) Il-metodoloġija kontabilistika tal-emissjonijiet tal-gassijet serra għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li tqis ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-emissjonijiet u tal-emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mid-devjazzjoni ta' inputs riġidi għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-emissjonijiet upstream tal-metan u r-rati effettivi tal-qbid tal-karbonju. Sabiex tīgħi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġija stabbilita f'dan ir-Regolament mal-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijet serra minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklati, jenħtieġ li jiġu applikati approċċi simili bħal fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185<sup>2</sup> għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijet serra.
- (2) Il-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1185 tapplika għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijet serra tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif ukoll għall-fjuwils tal-karbonju riċiklat li huma subkategorija ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk jixraq li l-fjuwils tal-karbonju riċiklat jiġu esklusi mill-ambitu tal-metodoloġija stabbilita f'dan ir-Regolament.

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 tal-10 ta' Frar 2023 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijet serra minn fjuwils rinnovabbli likwid u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat (ĠU L 157, 20.6.2023, p. 20, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/1185/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1185/oj)).

- (3) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju stabbilit fid-Direttiva (UE) 2024/1788 huwa allinjat għalkollox mal-qafas ta' ċertifikazzjoni stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> għall-fjuwils rinnovabbli. Il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju stess għaldaqstant jenħtieġ li jiġu ttraċċati permezz tal-bażi tad-data tal-Unjoni bl-istess mod bħall-materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli u l-fjuwils rinnovabbli stess. Għalhekk, fir-rigward tal-valur għall-emissjonijiet upstream tal-metan, jixraq li ssir distinzjoni bejn lottijiet individwali ta' fjuwils u materja prima abbażi tal-profil tal-prestazzjoni tal-metan tal-fornitur li jforni l-fjuwil użat għall-produzzjoni tal-fjuwil b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- (4) Il-potenzjal ta' tisħin globali tal-idroġenu għadu ma ġiex iddeterminat bil-livell ta' preċiżjoni meħtieġ biex jiġi inkluż fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Għalhekk, il-valuri rilevanti għall-potenzjal ta' tisħin globali tal-idroġenu jenħtieġ li jiżdiedu malli l-evidenza xjentifika tkun immaturat bizzżejjed u tiġi applikata għall-kejl tal-impatt tat-tnixxija tal-idroġenu tul-il-katina tal-forniment kollha fil-metodoloġiji kontabilistiċi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kemm għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.
- (5) Il-metodoloġija jenħtieġ li tirrikonoxxi l-qbid u l-ħażin tal-emissjonijiet bħala tnaqqis tal-emissjonijiet meta dawn jinħażnu b'mod permanenti f'sit tal-ħażin ġeoloġiku, inkluż meta l-emissjonijiet f'pajjiżi terzi jinħażnu barra mill-Unjoni, diment li l-liġi nazzjonali applikabbi tiżgura d-deteżżjoni u r-rimedju tat-tnixxijiet skont id-dispożizzjoniċċi legali applikabbi fl-UE, u t-tnixxijiet jitqiesu sabiex ma jiġux ikkreditati bħala tnaqqis. Is-siti tal-ħażin ġeoloġiku li ripetutament ikollhom xi tnixxija jenħtieġ li ma jiġux aċċettati għall-injezzjoni. Attwalment, iċ-ċediment tal-kwoti jiġi evitat biss għall-emissjonijiet skont l-EU ETS li jinħażnu f'sit tal-ħażin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE. Hemm opportunitajiet ta' kooperazzjoni transfruntiera rigward il-qbid u l-ħażin tal-karbonju. Rikonoxximent futur potenzjali tal-ħażin tal-emissjonijiet tal-EU ETS fis-siti tal-ħażin fil-pajjiżi terzi mingħajr ETS kollegata jkun jiddependi fuq li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti biex jiġi żgurat ħażin ġeoloġiku sikur b'mod permanenti u ambjentalment sikur tas-CO<sub>2</sub> maqbud, diment li l-ħażin ma jintużax biex jiżdied l-irkupru tal-idrokarburi u li dan iwassal għal tnaqqis kumplessiv fl-emissjonijiet.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ta' din il-metodoloġija mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1185 għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-fjuwils tal-karbonju riċiklat, jixraq li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-intensità tal-emissjonijiet tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-intensità tal-emissjonijiet tal-idroġenu rinnovabbli prodott f'elettrolizzatur matul l-istess perjodu dejjem ikunu l-istess, u li l-ishma tal-enerġija rrapporati jkunu konsistenti.
- (7) L-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tirrikjedi tranżizzjoni rapida mill-użu tal-fjuwils fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Kemm is-sorsi rinnovabbli kif ukoll

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>).

l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-metodoloġi applikabbli għat-tnejn li huma, għalkemm ibbażati fuq bażijiet legali differenti, jenħtieġ li jkunu koerenti u jirriflettu l-ispeċifiċitajiet teknoloġiċi u l-effiċjenza ekonomika. Mill-iktar fis possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibda valutazzjoni dwar l-introduzzjoni potenzjali ta' approċċi alternattivi għar-rikonoxximent tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-impjanti tal-enerġja nukleari, abbażi ta' kriterji adegwati. Sat-30 ta' Ġunju 2026, jenħtieġ li l-Kummissjoni tniedi konsultazzjoni pubblika dwar abbozz ta' metodoloġija li tiddeskrivi dawn il-kriterji. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u l-implikazzjonijiet tal-evalwazzjoni tal-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku bl-użu ta' valuri medji. Dawn il-valutazzjonijiet iridu jqisu l-impatt kumplessiv ta' tali approċċi fuq is-sistema tal-enerġja (inkluż fuq l-effiċjenza ekonomika tagħha u t-testija tal-interkonnessjonijiet), il-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u l-importanza li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti bl-elettriku rinnovabbi għalkollox kif definit fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1184 kif ukoll il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjati l-proġetti eżistenti.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jispeċifika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għajr il-fjuwils tal-karbonju riċiklat.

##### *Artikolu 2*

L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għajr il-fjuwils tal-karbonju riċiklat, għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness.

##### *Artikolu 3*

###### *Monitoraġġ u rieżami*

Sal-1 ta' Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-introduzzjoni ta' perkorsi alternattivi, b'mod partikolari biex jitqies elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju minn impjanti tal-enerġja nukleari abbażi ta' kriterji u approċċi xierqa li jqisu l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku abbażi tal-medji. Din il-valutazzjoni għandha tqis l-impatt tal-użu ta' tali perkorsi fuq is-sistema tal-enerġja u l-iffrankar tal-emissjonijiet kif ukoll il-ħtieġa li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti mal-ksib tal-elettriku rinnovabbi għalkollox. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-introduzzjoni ta' approċċi speċifiku għall-pajjiżi jew għar-reġjuni għal valuri standard għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-inputs kif irrapportati fil-parti B fl-Anness. Meta tivvaluta l-bidliet fil-kriterji, il-Kummissjoni għandha tissalvagwardja l-proġetti eżistenti.

##### *Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.7.2025

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*